MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 839/2013

Automated **Revenue Management Services Limited (C46054)**

***kontra***

**GreenTech Solutions Limited (C47802)**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment finali dwar rikors li l-kumpannija Mobilja Gauci Limited (C3155) ipprezentat fid-9 ta` Jannar 2014 b`talba sabiex il-Qorti tordna s-soprasessjoni tal-procediment fl-ismijiet premessi pendenti l-esitu finali tal-kawza fl-ismijiet *Mobilja Gauci Limited (C3155) vs Automated Management Services Limited et (Rik. Gur. Nru. 15/2004 JRM).***

Rat illi fit-3 ta` Settembru 2013 il-kumpannija Automated Revenue Management Services Limited (C46054) [minn issa `l quddiem tissejjah "ARMS Ltd"] ipprezentat rikors fejn talbet illi a tenur tal-Art 416 tal-Kap 12 l-Qorti taghti bidu tal-proceduri tal-konkors ta` kredituri fuq l-ammont ta` €172,915 appartenenti lil GreenTech Solutions Limited.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Settembru 2013 skond l-Art 416 tal-Kap 12.

Rat l-atti li segwew dak id-digriet.

Rat illi l-kumpannija GreenTech Solutions Limited kienet notifikata skond il-ligi.

Rat ir-rikors li Mobilja Gauci Limited ipprezentat fit-3 ta` Dicembru 2013 fejn talbet li tkun ammessa fil-lista tal-kredituri ta` GreenTech Solutions Limited.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2014 fejn, a tenur tal-Art 416 tal-Kap 12, ipprovdiet illi ghall-fini tal-konkors tal-kredituri ta` GreenTech Solutions Limited kienet qeghda tammetti biex jikkonkorru dawk il-persuni biss li talbu li jikkonkorru sa dakinhar u cioe` Automated Revenue Management Services Limited u Mobilja Gauci Limited.

Rat illi fl-istess udjenza Mobilja Gauci Limited ghamlet riferenza ghar-rikors taghha li dwaru qieghed jinghata l-provvediment tal-lum.

Rat ir-risposta li ARMS Ltd ipprezentat fid-29 ta` Jannar 2014 ghal dak ir-rikors.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri ta` Mobilja Gauci Limited u ta` ARMS Ltd dwar ir-rikors in kwistjoni fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2014.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet il-procediment ghal-lum sabiex taghti provvediment fil-miftuh dwar it-talba ta` Mobilja Gauci Limited kif dedotta fir-rikors taghha tad-9 ta` Jannar 2014.

**Ikkunsidrat :**

Jirrizulta li fil-kawza fl-ismijiet *Mobilja Gauci Limited (C3155) vs Automated Management Services Limited et (Rik. Gur. Nru. 15/2014 JRM)* prezentata fid-9 ta` Jannar 2014, il-kumpannija rikorrenti ressqet numru ta` talbiet kontra l-kumpannija ntimata <u>fosthom</u> talba ghal dikjarazzjoni ta` nullita` u bla effett ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu bejn GreenTech Solutions Limited u ARMS Ltd tal-5 ta` Dicembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor John

Gambin ; talba ghal dikjarazzjoni ta` nullita` u bla effett tal-garanzija ipotekarja tal-ammont mertu tal-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu, tal-iskrizzjoni relattiva fir-Registru Pubbliku, il-kancellament tal-ipoteka u l-iskrizzjoni taghha ; u talba ghad-dikjarazzjoni ta` nullita` u bla effett ta` ittra ufficjali li pprezentat ARMS Ltd kontra GreenTech Solutions Limited biex tirrendi ezegwibbli l-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu.

Jirrizulta kjarament mill-premessi tar-rikors li bih ressqet il-procediment ta` l-konkors illi ARMS Ltd qeghda tistrieh ghal kollox fuq l-atti li taghhom Mobilja Gauci Limited qeghda titlob id-dikjarazzjoni ta` nullita` u bla effett sabiex tippregradwa fuq Mobilja Gauci Limited ghall-ammont mertu tal-konkors.

Jirrizulta illi fir-risposta li pprezentat ghar-rikors tad-9 ta` Jannar 2014 ta` Mobilja Gauci Limited illi ARMS Ltd qeghda tallega li l-iskop ghall-presentata tal-kawza Rik. Gur. Nru. 15/2014 JRM mhuwiex gust u korrett ghaliex Mobilja Gauci Limited kellha zmien bizzejjed biex tressaq it-talbiet taghha qabel ARMS Ltd tat bidu ghall-procedura tal-konkors, u kien biss fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2014, meta kienu stabbiliti l-konkorrenti, li nfurmat il-Qorti li dakinhar stess kien prezentat ir-Rik. Gur. Nru. 15/2014 JRM. Skond ARMS Ltd, l-iskop ta` dik il-kawza huwa fieragh u intiz biss biex itawwal il-konkors.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (**<u>Kollez Vol XXXIX.I.467</u>** ; Appell Civili – "**<u>Cassar vs Xuereb</u>**" – 12 ta` Marzu 1973). Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-esitu finali tar-Rik. Gur. Nru. 15/2014 JRM jinfluwixxi u jincidi <u>direttament</u> (mhux possibilment) fuq <u>il-mertu</u> tal-procediment tal-lum (**<u>Kollez Vol XLIV.II.591</u>**). Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "**<u>Degaetano vs Galea et noe</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk : "*Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza*". Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, il-Qorti tirrileva illi jekk l-atti li ARMS Ltd qeghda tistrieh fuqhom sabiex il-kreditu taghha kontra GreenTech Solutions Limited fil-procediment tal-lum jippregradwa dak ta` Mobilja Gauci Limited jigu dikjarati nulli u bla effett b`sentenza definittiva fir-Rik. Gur. Nru. 15/2014 JRM, u fil-mori ta` dik il-kawza, jigi trattat u konkluz il-konkors bil-pregradwazzjoni kif pretiz minn ARMS Ltd., mhux biss jinfetah il-bieb berah ghal litigazzjoni gdida izda certament ikun hemm dispendju ta` hin, ta` risorsi u ta` spejjez bla

bzonn. Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti li l-fattur tal-ispedjenza tal-provvediment huwa sodisfatt.

Illi l-Qorti mhijiex tal-fehma li soprasessjoni ta` l-konkors sejra ggib pregudizzju reali ghad-dannu ta` ARMS Ltd ghar-raguni li l-Qorti diga` stabbiliet illi ghas-somma depozitata ta` €172,915 sejrin jikkonkorru biss ARMS Ltd u Mobilja Gauci Limited. Ma hemmx illum l-ebda riskju ghaz-zewg konkorrenti li jitfaccjaw kredituri ohra fejn jivvantaw xi dritt fuq l-ammont depozitat.

Illi l-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (**Kollez Vol XLI.I.507** ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994). Ghalkemm provvediment dwar soprasessjoni huwa ghal kollox fid-diskrezzjoni ta' l-Qorti, fl-istess waqt il-Qorti jidhrilha li jkun ragonevoli, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, jekk tilqa` t-talba ta` Mobilja Gauci Limited meta tqieghed fil-keffa tal-mizien tal-gustizzja l-aspettattiva u d-drittijiet mhux tal-parti wahda izda taz-zewg partijiet fil-procediment tal-lum.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tal-kumpannija Mobilja Gauci Limited (C3155) kif dedotta fir-rikors taghha tad-9 ta` Jannar 2014 (fol 78 et seq) u ghalhekk qeghda tordna s-soprasessjoni ta' l-procediment tal-lum. Konsegwentement qeghda thalli dan il-procediment "*sine die*", riappuntabbli kif ighid l-Art 964 tal-Kap 12 b`effett mid-data li fiha tghaddi in gudikat il-kawza fl-ismijiet *Mobilja Gauci Limited (C3155) vs Automated Management Services Limited et (Rik. Gur. Nru. 15/2004 JRM).* L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu bla taxxa.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------